MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta tas-17 ta' Jannar, 2013

Citazzjoni Numru. 648/2010

**Connie Gravina**

***kontra***

**Anthony Gravina**

**Il-Qorti :**

## A. Preliminari

Rat ir-rikors guramentat prezentat fil-25 ta` Gunju 2010 li jaqra hekk –

*1. Illi l-partijiet isseparaw b`kuntratt tal-25 ta` Frar 1993 in atti tan-Nutar Dr. Carmel Gafa`.*

*2. Illi f`xi zmien fi Frar 2009, l-esponenti ghamlet ricerki fuq il-kontroparti u sabet illi hu l-konvenut, certu Thomas Gravina kien ta b`kuntratt ta` enfitewsi perpetwa lill-konvenut Anthony Gravina, li deher wahdu, porzjoni diviza ta` art maghrufa bhala Tal-Ghareb, f`Hal-Ghaxaq fi Triq il-Gdida, li tizbokka fuq St. Philip Street, tal-kejl circa 186 metri kwadri in termini ta` kuntratt tas-7 ta` Awissu 1990 in atti tan-Nutar Dr. Alex J. Sciberras Trigona.*

*3. Illi sussegwentement fil-25 ta` Ottubru 1994 b`kuntratt iehor ta` fidi ta` cens, l-istess Thomas Gravina biegh a favur tal-konvenut id-dritt dominju fuq l-art maghrufa bhala Tal-Ghareb, f`Hal-Ghaxaq, fi Triq il-Gdida, li tizbokka fuq St. Philip Street, tal-kejl circa 186 metri kwadri in termini ta` kuntratt tas-7 ta` Awissu 1990 in atti tan-Nutar Dr. Alex J. Sciberras Trigona.*

*4. Illi huwa evidenti li din kienet attentat ta` hidma b`sengha biex l-attrici jigi menomati d-drittijiet taghha.*

*5. Illi fuq din l-art hemm kostruwit fond.*

*Ghaldaqstant ighid il-konvenut ghaliex din l-Onorabbli Qorti m`ghandhiex :*

*a) Thassar il-kuntratt tal-25 ta` Ottubru 1994 in atti tan-Nutar Dr. Alex Sciberras Trigona stante li hu karpit b`consilium fraudis ;*

*b) Tiddikjara lill-attrici sid ta` sehem indiviz tal-art maghrufa bhala Tal-Ghareb, f`Hal-Ghaxaq, fi Triq il-Gdida, li tizbokka fuq St. Philip Street, tal-kejl circa 186*

*metri kwadri, soggetta ghal cens annwali u perpetwu ta` Lm 120 fis-sena.*

*Bl-ispejjez kontra l-konvenut.*

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-attrici, il-lista tax-xhieda ndikati minnha, u l-elenku tad-dokumenti esebiti mar-rikors guramentat.

Rat ir-risposta guramentata prezentata fid-29 ta` Lulju 2010 li taqra hekk –

*1. Illi t-talba kif proposta u cioe` illi jigi mhassar il-kuntratt tal-25 ta` Ottubru 1994, fl-atti tan-Nutar Dr. Alex Sciberras Trigona, hija rritwali peress illi tali kuntratt sar bejn Anthony Gravina u huh Thomas Gravina u ghalhekk huwa res inter alios acta ghall-attrici.*

*2. Illi ma jistax jigi dikjarat illi l-attrici ghandha sehem ta` nofs indiviz tal-art imsemmija fit-tieni talba u dana peress illi l-premessi tat-talba jirrigwardaw il-frodi u mhux l-akkwist tal-proprjeta` ghan-nofs indiviz mill-attrici.*

*3. Illi l-attrici u zewgha kienu ghamlu kuntratt ta` separazzjoni definittiv u dana bil-legali mqabbdin mill-istess attrici u taw kwittanza lil xulxin u rregolaw precizament kollox bejniethom dwar il-proprjeta` mobbli jew immobbli. Illi tali separazzjoni bonarja tekwivali ghal sentenza (Art. 59(3) Kodici Civili) u ghalhekk ma tistax tigi attakkata b`dan il-mod procedurali.*

*4. Illi fil-fatt il-partijiet kienu ilhom separati de facto ghal zmien twil u dan minhabba l-agir tal-mara u ghalhekk il-komunjoni tal-akkwisti kienet ilha li ntemmet bejn il-partijiet ghalkemm ma gietx likwidata.*

*Salvi eccezzjonijiet ohra.*

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenut u l-lista tax-xhieda ndikati minnu.

Rat l-affidavit tal-attrici, semghet id-deposizzjoni tal-persuni li xehdu *viva voce* u rat id-dokumenti kollha li kienu esebiti waqt l-*iter* tal-kawza.

Rat illi l-attrici ghazlet illi ma tipprezentax nota ta` osservazzjonijiet.

Rat in-nota ta` sottomissjonijiet tal-konvenut.

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Rat l-atti tal-kawza.

**Ikkunsidrat :**

**II. Provi**

**Din il-Qorti sejra tillimita ruhha ghal dawk mill-provi li fil-fehma taghha huma rilevanti ghas-sostenn mill-attrici tat-talbiet taghha u ghad-difiza tal-konvenut kontra dawk it-talbiet.**

**i) Ix-xiehda tal-attrici**

**L-attrici** tixhed hekk –

*Nghid li matul iz-zwieg taghna huwa* (jigifieri l-konvenut) *kien ha bicca art minghand huh Thomas u li kien bena bl-ghajnuna ta` missieru. Din l-art tinsab fi Triq Dun Marcell Mallia f`Hal Ghaxaq. Hemm bena garaxx kbir u post fuqu b`gardina fuq wara : il-post semmieh ghalih stess `Anthony House` …*

*Meta gejna ghas-separazzjoni, jiena kont bil-hsieb li d-dar ta` Hal-Ghaxaq idawwarha fuq it-tifel il-kbir ghax hekk dejjem kienet ix-xewqa tieghi u ghalhekk li ma sar l-ebda accenn ghaliha fuq il-kuntratt tas-separazzjoni. Mill-banda l-ohra dejjem xtaqt li d-dar taz-Zejtun tkun tat-tifel iz-zghir, u ghaldaqstant ahna konna ftehmna, bl-avukati taghna li d-dar taz-Zejtun kellha tkun ghand Adrian* (u cioe` it-tifel iz-zghir). *Jiena ma tantx naf nikteb u naqra, u ma kontx intbaht li zamm id-dar taz-Zejtun fuqu wkoll, u dana apparti l-fatt stess li dakinhar li gejna biex niffirmaw is-separazzjoni kont bil-pilloli ghax kelli breakdown. Tant hu hekk li jien kont rasi mimlija li jekk kemm-il darba nigi nieqsa, it-tfal kien ser ikollhom fejn joqghodu. Dan juri kemm ingannani.*

*Meta snin wara kont ghamilt ir-ricerki … sibt li mhux talli ma dawwarx il-fond ta` Hal-Ghaxaq fuq it-tifel il-kbir* (u cioe` Alessio) *talli sahansitra kien ghamel il-kuntratti li semmejt fir-rikors li bih ftaht il-kawza biex jipprova jaqleb din il-propjeta` ta` Hal-Ghaxaq favur tieghu minghajr il-kunsens tieghi …*

**ii) <u>Ix-xiehda ta` Thomas Gravina</u>**

Jixhed illi huwa xtara art ghall-bini go Hal-Ghaxaq ghal habta tal-1975. Biegh dik l-art lill-konvenut ghall-prezz ta` Lm1000 b`kuntratt li sar min-Nutar Alex Sceberras Trigona

**iii) <u>Ix-xiehda tal-konvenut</u>**

Jixhed illi Thomas huh kien xtara l-art ghall-prezz ta` Lm 950. Hu xtara dik l-art minghand huh ghall-prezz ta` Lm1400. Meta akkwista l-art, huwa kien mizzewweg pero` kien mifrud minn martu l-attrici bil-qorti. Mexxa kollox in-Nutar Sceberras Trigona. Huwa bena post fuq dik l-art biex joqghod fih. Fil-post illum joqghod it-tifel jismu Alex. Ippreciza li meta xtara l-art minghand huh, kien diga` kien hemm mibni garage u post fuqu pero` ma kienx lest ghal kollox. Kompla x-xoghol hu li kien fadal wara s-separazzjoni ma` martu.

Fil-**kontrezami** xehed li meta ssepara minn martu kellu biss il-fond ta` Bir-id-Deheb.

**iv) Ix-xiehda tan-Nutar Alex Sceberras Trigona**

Ipprezenta zewg kuntratti t-tnejn fl-atti tieghu : l-ewwel wiehed (Dok AST1) tas-7 ta` Awissu 1990 bejn Thomas u Anthony ahwa Gravina ; u t-tieni wiehed (Dok AST2) bejn l-istess persuni tal-25 ta` Ottubru 1994.

**v) Il-kuntratti**

Kienu esebiti dawn il-kuntratti f`ordni kronologiku :-

**Dok AST1** :

Kuntratt ta` enfitewsi perpetwa ta` art go Hal-Ghaxaq bejn Thomas u Anthony ahwa Gravina tas-**7 ta` Awissu 1990** fl-atti tan-Nutar Dottor Alexander Joseph Sceberras Trigona.

**Dok A** :

Kuntratt ta` separazzjoni konsenswali bejn il-kontendenti tal-**25 ta` Frar 1993** fl-atti tan-Nutar Dottor Carmel Gafa`.

**Dok AST2 :**

Kuntratt ta` akkwist ta` art go Hal-Ghaxaq bejn Thomas u Anthony ahwa Gravina tal-**25 ta` Ottubru 1994** fl-atti tan-Nutar Dottor Alexander Joseph Sceberras Trigona.

**Ikkunsidrat :**

**III. Dritt**

Fl-ewwel talba, l-attrici qeghda titlob it-thassir tal-kuntratt Dok AST2 *stante li huwa karpit b`consilium fraudis.* Ghal din il-Qorti, ir-riferenza tal-attrici ghal *consilium fraudis* tfisser illi l-attrici qeghda tittenta l-azzjoni revokatorja jew l-*actio pauliana* sabiex tikseb it-thassir tal-imsemmi kuntratt.

L-*actio pauliana* hija regolata bl-**Art.1144 tal-Kap.16** li jaqra hekk –

*(1) Kull kreditur jista` wkoll, f`ismu, jattakka l-atti maghmula b`qerq mid-debitur bi hsara tal-jeddijiet tieghu, bla pregudizzju tal-jedd tal-konvenut ghall-eccezzjoni tal-beneficcju tal-eskussjoni, taht id-disposizzjonijiet tal-artikoli 795 sat-801 tal-Kodici ta` Organizzazzjoni u Procedura Civili.*

*(2) Jekk dawn l-atti jkunu b`titolu oneruz, il-kreditur ghandu jipprova li kien hemm qerq min-naha taz-zewg partijiet fil-kuntratt.*

*(3) Jekk dawn l-atti jkunu b` titolu gratuwitu, bizzejjed li l-kreditur jipprova li kien hemm qerq min-naha tad-debitur …*

Biex tirnexxi l-*actio pauliana* ghal sitwazzjoni bhal dik tal-lum fejn jidher illi t-trasferiment illi kien qieghed isir bil-kuntratt tal-25 ta` Ottubru 1994 kien oneruz, irid jkunu sodisfatti dawn l-elementi –

(i) l-"*eventus damni*"
(ii) il-"*consilium fraudis*"
(iii) il-"*partecipatio fraudis*"

L-*eventus damni* jigi sodisfatt bil-prova li, b`rizultat tal-att li qed jigi mpunjat, id-debitur jkun sofra diminuzzjoni fil-patrimonju tieghu li tkun ta`
pregudizzju ghad-drittiijiet tal-kreditur, liema att jkun rrenda lill-istess debitur insolvibbli jew aktar insolvibbli.

Il-*consilium fraudis* huwa sodisfatt bil-prova tax-xjenza li bl-att tad-debitur qed jigu ppregudikati d-drittijiet tal-kreditur.

Ghall-fini tal-*consilium fraudis,* mhijiex rikjesta l-prova tal-*animus nocendi.* Fis-sentenza ta` din il-Qorti tas-7 ta` Jannar 1936 fil-kawza "**<u>Bugeja vs Terribile</u>" (**Kollez. Vol. XXIX.II.866) inghad hekk –

*"L-element tal- consilium fraudis jikkonsisti fix-xjenza illi bl-att tkun qeghda tigi determinata l-insolvenza jew imnaqqsa s-solvibilita` tad-debitur, u ma jirrikjedix l-intenzjoni li jigi defrawdat il- kreditur".*

Il-konsapevolezza tad-debitur li l-att tieghu ser jikkaguna hsara lid-drittijiet tal-kreditur tieghu taghti lok ghal presunzjoni tal-intenzjoni frawdolenti "*ghax min ikun jaf bl-effett ta` xi att, u b`dankollu jrid jaghmel dak l-att,*

*allura jsegwi li hu jrid wkoll dak l-effett".* (ara – Appell Civili - **Vella vs Vella et" -** 27 ta` Frar 2003).

Fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-10 ta` Jannar 1955 fil-kawza "**Calleja vs Grima et"** (Kollez. Vol. Vol XXXIX.I.24) inghad hekk –

"*din l-azzjoni hija moghtija lill-kredituri f`isimhom biex jattakkaw l-attijiet maghmula b`qerq mid-debituri taghhom bi hsara ghad-drittijiet taghhom. Hija akkordata biss lill-kredituri, u biex wiehed ikun kreditur, jehtieg li jkollu kreditu."*

Fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-15 ta` Jannar 2002 fil-kawza "**Bongailas vs Magri et**" kien deciz illi –

*"il-kliem "kreditur" u "debitur" fl-artikolu 1144 huma kjarament termini generici wzati fis-sens l-aktar generali u wiesgha tal-kelma biex jikkomprendu kull min kien dahal f`xi obbligazzjoni hi x`hini favur terzi. Hija biss rifless tal-principju bazilari tad-dritt li kull min jikkontratta ma` haddiehor kellu jezegwixxi l-obbligazzjoni tieghu fil-massima buona fede. Kif sewwa jenuncjaw il-guristi rumani pacta sunt servanda u fraus omnia corrumpit."*

Ghalkemm kien hemm zmien meta dan ir-rimedju kien moghti biss lil min ikun titolari ta` kreditu pekunjarju, is-sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-20 ta` Novembru 1950 fil-kawza "**Ciancio vs Buontempo**" (Kollez. Vol. XXXIV.III.851) bidlet id-direzzjoni tal-gurisprudenza fis-sens illi tat ir-rimedju lil mara mizzewga li riedet timpunja att ta` zewgha.

Fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell "**Calleja vs Grima et**" (op. cit.) kien rilevat illi –

"*ir-rimedju tal-applikazzjoni tal-azzjoni revokatoria ghandu jiftiehem moghti mhux biss lill-kredituri pekunjarji, imma wkoll lil kull haddiehor li, meta jkun titolari ta` dritt valutabbli pekunjarjament, isib ruhu defrawdat permezz ta` atti li jimpeduh, jekk ma jigux annullati, illi jara li jigu sodisfatti d-drittijiet tieghu."*

Fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell fil-kawza "**Bellia vs Grech et**" tas-16 ta` Ottubru 1999, inghad illi l-azzjoni hija miftuha *"ghal kull min ghandu azzjoni x`jiddeduci biex jirreklama l-adempiment ta` obbligazzjoni, b`mod li jista` jisperixxi l-azzjoni, kull min jinsab pregudikat bil-fatt ta` haddiehor b`att kagunat mid-debitur."* (ara wkoll : Qorti tal-Appell : "**Vella vs Vella**" : 27 ta` Frar 2003).

L-element tal-*partecipatio fraudis* jinsorgi meta l-att ikun oneruz. Fis-sentenza ta` din il-Qorti tal-25 ta` Jannar 1954 fil-kawza "**Chircop vs Mifsud et**" inghad illi meta l-att huwa oneruz, m`ghandhiex tirrizulta biss il-frodi tad-debitur izda anke tat-terz kontraent. Il-Qorti qalet hekk –

*"Bi frodi tat-terz akkwirent ghandu jiftiehem in-notizzja lid an kellu tal-istat tad-debitur, jigifieri x-xjenza li d-debitur, bl-att li kien sejjer jaghmel, kien se jirreka dannu lill-kreditur, sija billi d-debitur jirrendi ruhu insolvibbli, sija billi tizdied din l-insolvenza.*

Mela l-prova tal-fatt mhux tal-intenzjoni ghaliex l-intenzjoni li tirreka dannu mhix rekwizit tal-azzjoni. Fis-sentenza taghha tat-23 ta` Novembru 1934 fil-kawza "Camilleri vs Agius" inghad illi –

*"La frode pauliana diferisce notevolmente dal dolo, nel senso che non suppone come questo l`uso di manovre sleali. Non e` nemmeno necessario che il debitore abbia agito coll`intenzione di nuocere i suoi creditori ; basta che abbia avuto conoscenza del pregudizio che cagionava loro".*

Fl-*actio pauliana,* il-frodi huwa element oggettiv u ta` sostanza u jista` jimmanifesta ruhu taht diversi aspetti. Jista` jkun dirett jew indirett. Il-piz tal-prova jinkombi fuq min jallega l-frodi u jintenta l-azzjoni revokatorja ghaliex il-frodi fil-kuntratti ma tistax tigi prezunta. Id-dannu jista` jkun u generalment ikun attwali u cert imma jista` jkun ukoll tali li juri perikolu ta` nuqqas ta` garanziji ghall-kredituri. Id-dannu irid ikun jidderiva direttament mill-att impunjat (ara : Prim`Awla tal-Qorti Civili : "**Sciortino vs Vella**" : 27 ta` Gunju 1961 : Kollez. Vol. XLV.II.700)

**Ikkunsidrat :**

**IV. Risultanzi**

B`kuntratt tas-**7 ta` Awissu 1990** fl-atti tan-Nutar Dottor Alexander Joseph Sceberras Trigona, il-konvenut akkwista minghand huh Thomas Gravina b`titolu ta` enfitewsi perpetwa (u allura b`titolu oneruz) *porzjoni diviza ta` art maghrufa bhala Tal-Ghareb, Hal-Ghaxaq, fi Triq Gdida tisbokka fuq Saint Philip Street, illum Triq Dun Marcel Mallia, tal-kejl ta` cirka mija u sitta u tmenin metri kwadri.* Ghalkemm il-konvenut kien mizzewweg lill-attrici, u ma kienx separat minnha, l-istat tad-dritt fid-data meta sar dan il-kuntratt kien jippermetti ghall-fini ta` validita` illi fuq att ta` trasferiment ta` dik ix-xorta jidher ir-ragel biss, minghajr il-htiega li tidher il-mara wkoll. L-art akkwistata bis-sahha ta` dak il-kuntratt saret parti mill-komunjoni tal-akkwisti bejn il-konjugi Gravina u ma hemm prova xort`ohra [ara l-**Art.1321(1) tal-Kap.16**). Qabel mal-konjugi Gravina sseparaw, l-attrici kienet taf illi *matul iz-zwieg taghna huwa* (jigifieri l-konvenut) *kien ha bicca art minghand huh Thomas u li kien bena bl-ghajnuna ta` missieru* (u cioe` l-art in kwistjoni) … *Hemm bena garaxx kbir u post fuqu b`gardina fuq wara : il-post semmieh ghalih stess `Anthony House`* (ara l-affidavit tal-attrici).

Il-kuntratt ta` separazzjoni konsenswali bejn il-partijiet kien pubblikat min-Nutar Dottor Carmel Gafa` fil-**<u>25 ta` Frar 1993</u>**. Ghalkemm l-art in kwistjoni kienet diga` f`isem il-konvenut, ma ssemmietx fil-kuntratt. Mhux hekk sar fil-kaz tad-dar konjugali bl-isem `Saint John`, Triq il-Madonna tal-Hniena, Zejtun, ghax ghalkemm kienet f`isem il-konvenut (ara l-provenjenza) issemmiet fil-kuntratt tant li l-attrici assenjat lill-konvenut sehemha minn dik id-dar. Ghaliex l-art ta` Hal-Ghaxaq ma ssemmietx fil-kuntratt izda ssemmiet biss id-dar taz-Zejtun ma jirrizultax b`mod car u konvincenti mill-kumpless tal-provi. Huwa pero` stabbilit li l-attrici kienet taf b`dik l-art u li l-konvenut ma kienx hbieha mill-attrici. Il-fatt jibqa` illi fil-kuntratt tal-25 ta` Frar 1993, il-partijiet qablu li b`effett mid-data tal-kuntratt, itemmu l-komunjoni tal-akkwist ta` bejniethom. Iddikjaraw ghal kull effett u buon fini tal-ligi li *m`ghandhom ebda pretensjoni reciproka relattivament ghat-terminazzjoni u l-likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti.* U ddikjaraw illi *huma diga` llikwidaw l-assi tal-komunjoni tal-akkwisti ta` bejniethom u kull parti hadet is-sehem taghha kif miftehma bejniethom.* Bla hsara ghall-kwistjoni sollevata mill-konvenut fit-tielet eccezzjoni tieghu, jibqa` l-fatt illi wara li sar il-kuntratt tal-25 ta` Frar 1993, l-attrici ghal xi raguni ma ghamlet xejn biex tipprova timpunja dak il-kuntratt. U lanqas ma qeghda taghmel hekk bil-kawza tal-lum. Ghalhekk ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi, dak il-kuntratt jikkostitwixxi stat bejn il-partijiet.

Bil-kuntratt tal-**<u>25 ta` Ottubru 1994</u>** li kien ippubblikat min-Nutar Dottor Alexander Joseph Sceberras Trigona, sar il-fidi tac-cens perpetwu tal-art li l-konvenut kien kiseb bil-kuntratt tas-7 ta` Awissu 1990. Il-konvenut hallas lil huh Thomas Gravina s-somma ta` Lm2400 ghal dak il-fidi u cioe` saret kapitalizzazzjoni tac-cens annwu ta` Lm120 bir-rata ta` 5%. Huwa dan il-kuntratt li tieghu l-attrici qeghda titlob ir-revoka bl-ewwel talba. Din il-Qorti tghid illi din l-ewwel talba attrici hija nsostenibbli. Imkien fil-provi li ressqet l-attrici ma saret prova sal-grad rikjest mil-ligi tar-rekwizit tal-*consilium fraudis* li hi ssemmi fl-ewwel talba, u li huwa biss wiehed mill-elementi tal-azzjoni revokatorja. Lanqas tal-elementi l-ohra tal-azzjoni

l-attrici ma ghamlet din il-prova li kienet tinkombi lilha. Minhabba l-pattijiet u l-kondizzjonijiet tal-kuntratt tal-25 ta` Frar 1993, l-attrici ma setghetx tkun `*kreditrici*` tal-konvenut. Bil-kuntratt tal-25 ta` Ottubru 1994, il-konvenut mhux biss ma ghamel xejn biex isir insolventi, anzi ghamel il-maqlub – kiseb titolu aktar b`sahtu milli kellu qabel ghaliex l-art de qua minn b`titolu ta` enfitewsi perpetwa ghaddiet ghandu libera u franka u hielsa ghal kollox minn kull piz. Ghad illi l-kuntratt kien oneruz, l-attrici naqset milli tharrek fil-kawza tal-lum lil Thomas Gravina sabiex il-gudizzju li talbet minn din il-Qorti jkun integru tassew ghall-finijiet u effetti kollha tal-azzjoni li ttentat. U ghalhekk hija fondata l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut ; ladarba l-att kien oneruz, Thomas Gravina ma seta` qatt jithalla barra mill-kawza. L-ghazla tal-attrici li ma tinvolvix lil Thomas Gravina fil-kawza tal-lum igib fix-xejn l-azzjoni taghha tal-lum ghaliex dak konkluz bejn l-ahwa Gravina kien rapport guridiku li fih l-attrici ma setghetx tintrometti ruhha. Inoltre ladarba l-pattijiet u l-kondizzjonijiet tal-kuntratt tal-25 ta` Frar 1993 baqghu mhux mittiefsa, ma tistax l-attrici tippretendi li ghandha jedd titlob ir-revoka tal-kuntratt tal-25 ta` Ottubru 1994 illi sar wara li kienet diga` xjolta l-komunjoni tal-akkwisti.

Daqstant iehor hija nsostenibbli t-tieni talba. Mhux biss ghaliex ma hemm xejn fil-premessi tar-rikors guramentat li jghaqqadhom mat-tieni talba. U din il-Qorti hija obbligata taghti decizjoni skond il-premessi u t-talbiet. Izda anke ghaliex din il-Qorti hija ghal kollox prekluza milli taghmel id-dikjarazzjoni li qeghda tippretendi minnha l-attrici ladarba l-pattijiet u l-kondizzjonijiet tal-kuntratt tal-25 ta` Frar 1993, kollox inkluz u xejn eskluz, baqghu veljanti bejn il-partijiet ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

**<u>Decide</u>**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, din il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi l-kawza billi –**

**1) Tilqa` l-eccezzjonijiet tal-konvenut.**

**2) Tichad it-talbiet tal-attrici.**

**3) Tordna lill-attrici sabiex thallas l-ispejjez kollha ta` din il-kawza.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------